**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 9 - IL-ĦAMIS 12 TA' SETTEMBRU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Benjamin Bugeja | Uffiċjal Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda preżenza tal-pubbliku.

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Miceli u Gatt, kif ukoll ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv, Cuomo, kienu infurmawh li ma jistgħux jattendu għall-laqgħa. Kopja tan-notifika tal-Kunsillieri hija annessa f'A.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.2. Il-Kunsillier Sammut semma li waqt il-festa kien hemm xi ġranet fejn l-immaniġjar tat-traffiku ma kienx tajjeb daqs kif mistenni. F'dan il-mument is-SE informa lill-Kunsill li s-Sur Raymond Grima kien ħejja rapport dwar l-andament tal-festa u li kien se jitressaq f'laqgħa futura biex ikunu jistgħu jiġu diskussi dawn il-punti f'aktar dettall. Is-SE infatti kien diġà talab lill-Kumitat Festi Esterni biex jgħaddu l-kummenti tagħhom ukoll qabel ma jressaq xi rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill.

2.3. Il-Kunsillier Galea semma li kien hemm xi problemi ta' ġbir ta' skart lejliet il-festa fi Triq Santa Luċija. Is-Sindku infurmat li dak inhar stess filgħaxija xi nies kienu kellmuha fuq l-istess ilment. Hi kkuntattjat lis-SE dak il-ħin fejn min-naħa tiegħu kellem lill-kuntrattur u dan għadda ftit ħin wara biex jiġbor il-boroż tal-iskart li ma kinux inġabru.

2.4. Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni li wara l-eks *bus terminus* u ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp kienu tħallew xi arbli tal-armar tan-nar mal-art sa nhar it-Tlieta 10 ta' Settembru u li ħolqu problema minħabba li ħadu l-ispazju ta' ħafna parkeġġi.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku semmiet li kienet tkellmet mad-Direttur tal-IPSL, u ġiet fi ftehim miegħu li għandhom jiġu grupp ta' ħaddiema tal-IPSL biex jeżegwixxu xogħlijiet li jassenjalhom il-Kunsill minn qabel. Dan sabiex jittaffa l-piż ta' xogħol minħabba l-waqfien tal-ħaddiem tal-IPSL li kien assenjat mal-Kunsill. Dawn il-ħaddiema ma jkunux imħallsin mill-Kunsill. Il-Kunsill ikollu biss iħallas għall-materjal li jintuża biex jeżegwixxu x-xogħlijiet. Infurmat ukoll li s-SE diġà bgħat email b'xi xogħlijiet u għandha ssir laqgħa fuq il-post biex jiġi spjegat ix-xogħol eżatt. Dan il-grupp ta' ħaddiema ma jkunx assenjat mal-Kunsill iżda jintbagħat biss fuq xogħlijiet partikulari li jitlob il-Kunsill.

3.2. Il-Kunsillier Sammut semma li kienet se ssir attività ġewwa l-Magħtab nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju 2013 dwar in-nitrati.

3.3. Is-Sindku infurmat li is-Sottokumitat ta' San Pawl tat-Tarġa kien iltaqa' u fost l-affarijiet li ġew diskussi kien imsemmi l-bżonn li jitranġaw xi ismijiet ta' toroq, fosthom dawk ta' Triq V. Boron, minħabba li f'naħa tat-triq m'hemmx isem u allura min ikun għaddej ma jkunx jaf f'liema triq qiegħed.

3.4. Issemmiet ukoll il-possibiltà li Triq ir-Raħeb Kurradu, kantuniera ma Triq Jules Verne issir *one way*. Dwar dan il-punt iżda s-Sindku għandha tmur fuq il-post mal-Kunsillier Bonnici biex tara sewwa s-sitwazzjoni biex tkun tista ssir deċizjoni jekk it-talba hijiex ġustifikata jew le.

3.5. Il-Viċi Sindku semmiet li ma kinitx irċiviet il-Kuntatt. Is-SE talabha biex possibilment tindaga mal-ġirien ħalli nkunu nafu jekk kienx każ iżolat jew problema fit-triq kollha. F'dan il-ħin il-Kunsillier Galea faħħar il-kwalità tal-fuljett Il-Kuntatt u ssuġerixx biex possibilment jinkludi aktar informazzjoni utli għar-residenti sabiex iħajjar aktar lin-nies biex jaqrawh. Il-Kunsillier Sammut talab biex dan is-suġġett ikun inkluż f'aġenda ta' laqgħa futura, sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'aktar dettall.

## 4. GĦAŻLA TA' EDITUR GĦALL-KUNTATT

4.1. Peress li kien qed jiġi diskuss is-suġġett tal-Kuntatt, ġie deċiz li punt nru 12 tal-Aġenda tiġi diskussa f'dan il-ħin.

4.2. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Sciberras għandu jkellem lis-Sur Salvu Sciberras biex jara hux interessat li jerġa jkun l-Editur.

4.3. Il-Kunsill qabel li l-fuljett għandu jinkludi kemm jista' jkun informazzjoni utli għar-resident. Is-SE ġibed l-attenzjoni li jkun għaqli jekk il-Kunsill ifittex li jġib aktar reklami bl-għajnuna ta' xi persuni jew kumpaniji anki jekk jitħallsu *commission.* B'dan il-mod il-Kunsill ikun jista' jżid il-paġni filwaqt li jibbilanċja l-ispejjeż bir-reklami.

4.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinstab aġenzija tar-reklamar.

## 5. KONTINWAZZJONI TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET U KORRISPONDENZA

5.1. Is-Sindku infurmat li s-SE kien talab għal laqgħa oħra mal-Onor. Josè Herrera minħabba laqgħa li kella ssir xi xhur ilu iżda li qatt ma saret. Laqgħa oħra qed

tintalab mal-Onor. Joe Mizzi minħabba li l-Kunsill kien għadu qed jistenna xi risposti min naħa tiegħu fuq proġetti li kien ressaqlu fid-dokument.

5.2. Is-SE informa li l-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda risposta min-naħa ta' Transport Malta fir-rigward tal-email li kienet intbgħatet mill-Kunsill wara l-Laqgħa li kienet saret mal-Onor. Joe Mizzi. Kien hemm qbil li għandha terġa tintbgħat *reminder* oħra.

5.3. Il-Kunsillier Bonnici informa li wara laqgħa mal-MAGF ġie konkluż li l-progett li kellu f'moħħu l-Kunsill ma jistax iseħħ għaliex ma kienx skont il-linji gwida tas-sejħa. F'dan il-ħin ippreżenta xi rapporti mill-MAGF dwar proġetti varji approvati mill-Fondazzjoni.

5.4. F'dan il-ħin is-SE ħa l-opportunità biex jinkoraġġixxi l-Kunsillier Bonnici, jaħdem flimkien mal-Viċi Sindku, u l-Kunsillier Galea fuq progetti relatati mat-turizmu, għaliex il-Kunsilliera kollha msemmija għandom x'joffru minħabba r-responsabbiltajiet tagħhom. Huwa enfasizza fil-bżonn li l-Kunsill ikollu pjanijiet formulati biex meta tiġi l-opportunità jkun hemm proġett imfassal diġà.

5.5. Is-SE informa li kien attenda laqgħa tal-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn ġew diskussi żewġ progetti tal-UE li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali issieħbet fihom u li minnhom jista' jibbenefika l-Kunsill. Dawn huma Meshartility u SmileGov.

5.6. Huwa spjega kif il-Meshartility tgħin lill-Kunsilli li huma parti mill-*Covenant of Mayors*, billi tħallas biex isir ir-rapport tas-SEAP, rapport li jiswa eluf tal-Euro biex isir.

5.7. Il-proġett SmileGov jikkonsisti mill-għazla ta' ħames jew sitt Kunsilli minn kull pajjiż u jgħin biex jimplimenta 2 miri mir-rapport tas-SEAP tal-Kunsill.

5.8. Fuq mistoqsija tal-Viċi Sindku s-SE informa li l-istedina għal din il-laqgħa kienet għas-Sindku u s-SE iżda attenda hu biss. Il-Viċi Sindku insistiet li kellha tkun infurmata u meta ma tkunx tista' tattendi s-Sindku għandha tattendi hi minflokha. Is-SE infurmaha li, meta korrispondenza tkun tirreferi lil xi persuni speċifiċi huwa, permezz tal-iskrivani tiegħu, jirreferiha lilhom u għalhekk ikun sta għat-tali persuni li jiddelegawha lil xi ħadd ieħor jekk ikun hemm bżonn. Jistgħu ukoll jitolbuh jiddelegaha lil ħaddieħor għan-nom tagħhom.

5.9. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti punti numru 9 u 10 tal-Aġenda.

## 6. MOZZJONI GĦAL SOTTOKUMITAT TAS-SALINA

6.1. Tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Galea, issekondat mill-Viċi Sindku, biex jiġi ffurmat sottokumitat għaż-żona tas-Salina.

6.2. Kien hemm qbil li ċ-Chairperson għandu jkun il-Kunsillier Bonnici.

6.3. M'għandux ikun hemm aktar min 4 membri apparti ċ-Chairperson. Il-membri tas-sottokumitat għandhom ikollhom kondotta tajba, u jkollom interess għaż-żona kollha tas-Salina u mhux xi triq partikulari biss.

6.4. Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jneħħi membri tas-sottokumitat li jmorru kontra dawn il-kriterji tal-għażla.

6.5. Il-mozzjoni għaddiet *nem con* u tinsab annessa f'B

## 7. MOZZJONI DWAR IS-SITWAZZJONI TAL-BANKINA FI TRIQ TAL-LABOUR U VJAL IL-21 TA' SETTEMBRU

7.1. Il-Kunsillier Galea, issekondat mill-Viċi Sindku, ressaq mozzjoni biex isir rapport dwar is-sitwazzjoni tal-bankini fi Triq tal-Labour minn ħdejn il-Każin tal-Banda Peace sal-Yorkdale, u fi Vjal il-21 ta' Settembru mill-Yorkdale sal-monument tal-millenju.

7.2. Is-Sindku proponiet emenda, li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku. Din l-emenda ġiet approvata.

7.3. Il-Mozzjoni kif emendata ġiet approvata *nem con* u hija annessa f'Ċ.

7.4. F'dan il-ħin ġie deċiż li jiġi diskuss punt numru 8 tal-Aġenda.

## 8. OFFERTI TAL-HANDYMEN U MOZZJONI DWAR L-ISKEDA TAL-ĦINIJIET TAGĦHOM

8.1. Il-Kunsillier Sciberras ressaq mozzjoni, issekondat mill-Kunsillier Bonnici, dwar l-iskeda tal-ħinijet tal-*handymen*.

8.2. Il-Kunsillier Sciberras għamel introduzzjoni għall-mozzjoni u wara diskussjoni il-Mozzjoni għaddiet *nem con*. Kopja tagħha hija annessa f'D.

8.3. Is-SE informa lill-Kunsill li l-uniċi żewġ offerenti offrew rata l-istess ta' €11.50 kull siegħa. Apparti dan però huma t-tnejn talbu wkoll li biex itellgħu u jniżżlu l-bnadar ta' quddiem il-Kunsill u tal-Pjazza barra l-ħinijiet normali huma kienu jippretendu ħlas għal siegħa kull darba.

8.4. Kien hemm qbil li s-SE għandu jkellem l-offerenti u jgħidilhom li l-Kunsill ma jistax jaċċetta li jitħallsu aktar għaliex iqis li dan huwa xogħol li għandu jkun inkluż mar-rata tat-tender u mhux issir rata oħra addizzjonali.

8.5. Jekk jaċċettaw li tġgi inkluza fir-rata tagħhom għandhom jiġu aċċettati ż-żewġ offerti. Jekk le s-SE għandu jerġa jiġi lura għand il-Kunsill sabiex tittieħed deċiżjoni.

8.6. Il-Kunsillier Galea talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-21:40.

## 9. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' RENDIKONTI FINANZJARI

9.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'E.

9.2. Il-Kunsill approva wkoll il-lista ta' ordnijiet u l-lista ta' dħul għax-xahar ta' Awwissu. Dawn huma annessi f'F u G rispettivament.

9.3. Il-Kunsill iddeċieda li ma jiddiskutix punt numru 4 tal-Aġenda, minħabba li x-xogħlijiet involuti għandhom isiru mill-ħaddiema tal-IPSL.

## 10. KORSIJIET TAL-KOMPUTER GĦAR-RESIDENTI

10.1. Il-Kunsill iddiskuta offerta mingħand TCTC biex jipprovdi korsijiet tal-kompjuter għall-komunità.

10.2. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mas-Sur Abela tat-TCTC sabiex tiġi diskussa l-possibilità ta' korsijiet differenti mis-soltu u/jew possibilità ta' aktar sussidju, speċjalment għall-anzjani.

## 11. RAPPORT DWAR DEĊIŻJONIJIET MIS-SOTTOKUMITAT TALBIET U LMENTI

11.1. Id-deċiżjonijiet li ttieħdu mis-Sottokumitat ġew approvati. Dawn huma annessi f'H.

## 12. POST TA' SKRIVAN/A MAL-KUNSILL – ĦATRA TA' BORD TAL-GĦAŻLA

12.1. Is-SE spjega li l-Kunsill xi xhur ilu kien beda l-proċess iżda waqaf għal diversi raġunijiet. Issa l-proċess kien tkompla. Huwa talab lill-Kunsill biex jaħtar bord tal-għażla.

12.2. Il-Kunsill qabel li l-bord tal-għażla jkun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Sciberras, Bonnici, u Agius.

12.3. Il-Viċi Sindku talbet li tkun skużata mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-21:59.

## 13. PROPOSTI GĦALL-PJAN LOKALI

13.1. Il-Kunsill qabel li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni biex it-*Town Centre* tkun estiża sakemm dan ifisser tibdil biex ikun hemm biss aktar uffiċini ta' ċertu daqs. Il-Kunsill jaqbel ukoll li l-Pjan jawtorizza bini ta' sular ieħor fil-lokalità, apparti fil-*village core.*

13.2. Il-*Village Core* għandu jibqa' kif inhu biex jiġi ppriservat id-dehera taċ-ċentru tar-raħal.

13.3. Il-Kunsill għandu jinsisti biex l-iżvilupp ippjanat għall-art tat-*trade fair* jinkludi obbligu biex isir *respite centre* fil-viċin.

13.4. Il-Kunsillier Sammut talab biex ikun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-22:16.

## 14. TMIEM IL-LAQGĦA

14.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jaġġorna l-laqgħa.

14.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 10 ta' Ottubru fis-7:30pm.

14.3. Il-laqgħa intemmet fil-22:30

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**A**

Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## Laqgha tal-Kunsill numru 9 - 10 ta' Settembru 2013

**Pauline Miceli** <[redacted]>
To: Paul Gatt <[redacted]>

11 September 2013 09:17

Bongu Paul,

Kontra qalbi se jkolli Nitolbok tiskuzani ghall-laqgha li jmiss tat-12 ta' Settembru minhabba okkazjoni ohra importanti ohra li ma nistax inbiddel.

Grazzi u tislijiet

Pauline

Sent from my iPad
[Quoted text hidden]

<MIN8(08_08_13).pdf>

**Gatt Paul at DLG**

| | |
|---|---|
| **From:** | Noel Gatt <[redacted] |
| **Sent:** | Il-Ħamis, 12 ta' Settembru 2013 18:06 |
| **To:** | Gatt Paul at DLG |
| **Subject:** | Noel Gatt- skuzat mil-laqgha |

Sur P. Gatt,

Ghadni kemm gejt infurmat li il-persuna li kellha tkun xoghol mieghi il-lejla harget bis-sick. Dan ifisser li jien se jkolli nidhol xoghol fis 7 pm, ghaldaqstant nitlob li nigi skuzat mill- laqgha ta llejla.

Tislijiet

Noel Gatt

**<u>Riżoluzzjoni biex jinħatar sottokumitat għas-Salina</u>**

Il-Kunsillier Clifford Galea jipproponi:

Il-Kunsill għandu jagħmel sejħa fost ir-residenti tas-Salina biex, dawk kollha interessati, jingħataw l-opportunità li jesprimu l-interess tagħhom li jkunu parti minn sottokumitat għal din iż-żona. Kull min jesprimi interess għandu:

1) ikun resident reġistrat fuq is-Salina skont l-aħħar reġistru elettorali.

2) għandu jgħaddilna l-isem, in-numru tal-ID, l-indirizz u informazzjoni dwar esperjenzi li għandu/ha f'kumitati u għaliex ikun jixtieq li jifforma parti minn dan is-sottokumitat.

L-għażla taċ-Chairperson (Kunsillier) titħalla f'idejn il-Kunsill.

Il-Kunsill għandu jistabilixxi minn qabel il-kriterji tal-għażla tal-membri minn fost dawk li jesprimu l-interess tagħhom. In-numru tal-membri mis-Salina m'għandux ikun ta' aktar minn erba' persuni biex, flimkien maċ-Chairperson, it-total ta' membri jkun ta' ħamsa.

La darba l-Kunsill ikollu l-lista ta' dawk interessati, għandu jagħmel l-għażla skont il-kriterji li jkunu diġà stabbiliti.

Tissekonda: Il-Viċi Sindku, Anne Marie Muscat Fenech Adami

**Nota Addizzjonali:** Wara l-approvazzoni ta' din ir-riżoluzzjoni l-Kunsill ħatar lill-Kunsillier Bonnici bħala Chairman tas-sottokumitat.

Ċ

**<u>Riżoluzzjoni dwar il-bankina ta’ parti minn Triq tal-Labour u Vjal il-21 ta’ Settembru</u>**

Il-Kunsillier Clifford Galea jipproponi:

Billi l-Kunsill iddiskuta kemm-il darba s-sitwazzjoni imwegħra ta’ partijiet mill-bankina li tibda mill-Każin Peace sa Yorkdale u minn Yorkdale sal-monument tal-millenju, il-Kunsill għandu jqabbad lill-Perit biex jagħmel analiżi tas-sitwazzjoni tal-bankina.

Il-Perit għandu jirraporta lura b'din l-analiżi u jipprovdi l-istimi neċessarji maqsuma skont il-każ.

B'dan ir-rapport il-Kunsill irid ikun jista' jiddetermina:

1) X'tip ta' xogħol huwa meħtieġ (manutenzjoni jew tibdil mill-ġdid).

2) il-gravità tas-sitwazzjoni.

3) L-ispejjeż involuti.

4) Jekk il-Kunsill għandux fondi jew kemm għandu jalloka fondi biex isir ix-xogħol meħtieġ.

5) Jekk jistax ix-xogħol neċessarju jsir f'fażijiet.

6) jekk waqt ix-xogħol hux se jkun hemm servizzi jew għamara tat-triq involuta u jekk dawn ikun hemmx il-ħtieġa li jinbidlu.

La darba jkollu din l-informazzjoni l-Kunsill għandu jikkunsidra li jippjana x-xogħol skont il-fondi disponibbli.

Tissekonda: Il-Viċi Sindku Anne Marie Fenech Adami

**D**

**<u>Riżoluzzjoni dwar skeda ta' ħinijiet għall-kuntratt tal-handymen</u>**

Il-Kunsillier Pierre Sciberras jipproponi:

Sakemm jigi sostitwit il-ħaddiem tal-IPSL li kien issekondat mill-Gvern Ċentrali mal-Kunsill tan-Naxxar, l-iskeda tal-*handyman/handymen* għall-kuntratt il-ġdid tkun għat-tnejn li huma mis-7:30am sas-1:30pm. Dan għandu jseħħ sakemm il-kunsill isib soluzzjoni sabiex ikun hemm jew sostituzzjoni b'ħaddiem tal-IPSL jew it-tielet *handyman* u jidħol *f'roster* mal-*handyman/handymen* li ser ikollhom it-tender tal-kunsill. Il-Kunsill jibqa' jirriserva d-dritt illi jżid il-ħinijiet ta' xogħol tal-*handyman/handymen* u/jew ibiddel il-ħinijiet tul li din il-mozzjoni tibqa' fis-seħħ.

Jissekonda: Il-Kunsillier Louis Bonnici

E

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 9

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: mis-6 t'Awwissu 2013 sad-9 ta' Settembru 2013

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €128.48 | €128.48 | T | PF | Review of Planning Applications - Jul 13 | 31/07/2013 | 1226 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Agricultural co-operative Ltd | €3,481.00 | €2,784.80 | T | PF | Garden maintenance - Jul 13 | 31/07/2013 | 38764 | n/a | n/a | 3061 | |
| 3 | Agricultural co-operative Ltd | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden maintenance - Aug 13 | 31/08/2013 | 39393 | n/a | n/a | 3061 | |
| 4 | Albert Galea | €250.00 | €250.00 | K | PF | Aerobics Class - May till Aug 13 | 12/08/2013 | 15 | 4474 | 4474 | 3381 | |
| 5 | AMJ Legal Services Consultants | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Aug 13 | 01/09/2013 | 171 of 2013 | n/a | n/a | 3140 | |
| 6 | Archway Ironmongery | €122.07 | €122.07 | D | PF | Ramel, filler, brush, screws & plugs, sand paper, wire brush, etc. | 14/06/2013 | 34805 | 4413, 4427 & 4433 | 4413, 4427 & 4433 | 2240 | |
| 7 | Archway Ironmongery | €221.52 | €221.52 | D | PF | Plug 13A, neon, pully, brush, tape, sand paper, timer 24hrs, etc. | 08/07/2013 | 34819 | 4445, 4446, 4473 | 4445, 4446, 4473 | 2240 | |
| 8 | Archway Ironmongery | €98.77 | €98.77 | D | PF | Brush, wood primer, salvavita, cutting disk, etc. | 17/07/2013 | 34828 | 4446 & 4450 | 4446 & 4450 | 2240 | |
| 9 | Archway Ironmongery | €111.02 | €111.02 | D | PF | Zrar, screws, bar connector, 2mtrs cable, etc. | 18/07/2013 | 34830 | 4446, 4451, 4469 | 4446, 4451, 4469 | 2240 | |
| 10 | Archway Ironmongery | €42.24 | €42.24 | D | PF | Ramel, zrar, cement, socket, silicone, bolts, etc. | 24/07/2013 | 34834 | 4469 & 4473 | 4469 & 4473 | 2240 | |
| 11 | Attard Bros Construction Materials Ltd | €116.89 | €116.89 | D | PF | Ciangatura red 7"x14"; ciangatura yellow 7"x14"; grouting sand (small bag) | 28/08/2013 | 47595 | 4484 | 4484 | 2240 | |
| 12 | B. Grima & Sons Ltd | €234.05 | €234.05 | K | PF | 48mm Diam. Brackets + bolts + nuts; traffic convex mirrors; 60mm antirotational posts; etc. | 09/08/2013 | 10003869 | 4465 | 4465 | 2313 | |
| 13 | Bitmac Works Ltd | €59.06 | €59.06 | D | PF | Instant road repair | 30/07/2013 | 99768 | 4475 | 4475 | 2311 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | C&C Projects Ltd | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 - 9th claim on a/c | 20/08/2013 | 130802 | n/a | n/a | 3130 | |
| 15 | Carmen Micallef | €250.00 | €250.00 | K | PF | Aerobics Class - May till Jul 13 | 13/08/2013 | Awi-13 | n/a | n/a | 3381 | |
| 16 | Cash | €28.84 | €28.84 | D | PF | Petty cash - Aug 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 16896 |
| 17 | Central Asphalt Ltd | €23.60 | €23.60 | D | PF | Kerb qty 5 | 26/08/2013 | 47223 | 4485 | 4485 | 2314 | |
| 18 | Central Asphalt Co. Ltd | €85.01 | €85.01 | D | PF | Civil works for WSC works at Triq Nicholas Monsarrat (completion to chq 16841) | 06/08/2013 | 47120 | n/a | n/a | 7501 | |
| 19 | Chalie Mifsud | €3,087.50 | €3,087.50 | T | PF | Weed cutting of non-urban roads - Jun & Jul 13 | 03/08/2013 | 993 | n/a | n/a | 3052 | |
| 20 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Aug 13 | 31/08/2013 | 187 | n/a | n/a | 3051 | |
| 21 | Claudine Abela Giusti | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq Manwel Magri SJ | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16888 |
| 22 | Commissioner of Inland Revenue | €2,113.32 | €2,113.32 | D | PF | FSS + NI - Aug 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 16902 |
| 23 | Datatrak IT Services | €10.17 | €10.17 | D | PF | Project 1010-LES-Naxxar Local Council-Aug 13 | 31/08/2013 | 1010651 | n/a | n/a | 3610 | |
| 24 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette dated Friday 16th Aug 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 16898 |
| 25 | Director General, Works Division | €149.87 | €149.87 | D | PF | Repairs & maintenance of 2 lifts at Civic Centre for the year 2010 | 31/07/2013 | 13/0218 | n/a | n/a | 2375 | |
| 26 | Dr Maria Fatima Deguara | €817.35 | €817.35 | D | PF | Mayor's remuneration - Aug 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 27 | EcoPure | €8.75 | €8.75 | D | PF | Deposit of 1 water bottle 18.9ltrs | 17/12/2012 | 533780 | n/a | n/a | 3320 | |
| 28 | Enemalta | €566.10 | €566.10 | D | PF | Application Nos: T300844369, T300844319, T300844357, T 30084432, T300844349, T300844340. | 09/05/2013 | 3704, 3705, 3706, 3707, 3708 & 3709 | n/a | n/a | 2130 | |
| 29 | G4S Security Services Ltd | €407.10 | €407.10 | D | PF | Cash collection services - Jul 13 | 31/07/2013 | GS008037 | n/a | n/a | 3190 | |
| 30 | G4S Security Services Ltd | €371.70 | €371.70 | D | PF | Cash collection services - Aug 13 | 31/08/2013 | GS008231 | n/a | n/a | 3190 | |
| 31 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager fee - Aug 13 | 30/08/2013 | 2592 | n/a | n/a | 3065 | |
| 32 | Gatt Tufigano Gauci Advocates | €1,313.01 | €1,313.01 | D | PF | Disbursement - court expenses; Disbursement - Legal Procurator & advocate fees | 31/07/2013 | 346 for 2013 | n/a | n/a | 3640 | |
| 33 | Gauci Borda & Co. Ltd | €137.41 | €137.41 | D | PF | Purchase of Local Council flag; E.U. flag & National flag | 07/08/2013 | 96842 | 4456 | 4456 | 2950 | |
| 34 | Gauci Borda & Co. Ltd | €44.00 | €44.00 | D | PF | Purchase of Local Council flag | 19/08/2013 | 97180 | 4456 | 4456 | 2950 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | Georgina Grima | €609.03 | €609.03 | D | PF | Nursing fees - Jul 13 | 31/07/2013 | Lul-13 | n/a | n/a | 3150 | |
| 36 | Georgina Grima | €616.10 | €616.10 | D | PF | Nursing fees - Aug 13 | 31/08/2013 | Awi-13 | n/a | n/a | 3150 | |
| 37 | Go plc | €292.40 | €292.40 | D | PF | Telephony monthly service Jul 13 (21417224) | 14/08/2013 | 34010584 | n/a | n/a | 2160 | 16884 |
| 38 | Go plc | €46.91 | €46.91 | D | PF | Telephony monthly service Jul 13 (21416341) | 14/08/2013 | 34010602 | n/a | n/a | 2160 | 16885 |
| 39 | Go plc | €16.81 | €16.81 | D | PF | Telephony monthly service Jul 13 (21416363) | 14/08/2013 | 34010606 | n/a | n/a | 2160 | 16886 |
| 40 | Godfrey Farrugia | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Sqaq Cejlu | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16894 |
| 41 | Grace Camilleri | €198.72 | €198.72 | D | PF | Branch Librarian services - Aug 13 | 03/08/2013 | Awi-13 | n/a | n/a | 2995 | |
| 42 | GS Superstore | €81.15 | €45.95 | D | PF | Beer, soft drinks & paper napkins for MCCF 2013 | n/a | n/a | 4479 | 4479 | 3360 | |
| 43 | Gutenberg Press Ltd | €1,125.60 | €1,125.60 | T | PF | Printing of Naxxar Local Council Publication: "Il-Kuntatt mal-Kunsill Tieghek" | 04/09/2013 | 38213 | n/a | n/a | 2610 | |
| 44 | Image Systems Ltd | €129.03 | €129.03 | D | PF | Ink per page | 31/07/2013 | FSMA/096710 | n/a | n/a | 2610 | |
| 45 | Ivan Zammit | €30.00 | €30.00 | D | PF | Transport from Naxxar to Belt is-Sebh & return on the 9th August 2013 | 06/09/2013 | 80/13 | 4472 | 4472 | 2720 | |
| 46 | Joe Bonnici & Sons Ltd | €312.70 | €312.70 | K | PF | Hire of mobile toilets from 6/9/2013 to 8/9/2013, extra cleaning, delivery & pickup | 06/09/2013 | 7978 | 4468 | 4468 | 3370 | |
| 47 | Joseph Agius | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq l-Algerija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16889 |
| 48 | Jurgen Attard | €1,352.40 | €1,352.40 | T | PF | Handyman service - Jul 13 | 31/07/2013 | Lul-13 | n/a | n/a | 3125 | 16827 |
| 49 | Jurgen Attard | €1,293.60 | €1,293.60 | T | PF | Handymen service - Aug 13 | 31/08/2013 | Awi-13 | n/a | n/a | 3125 | 16900 |
| 50 | Jurgen Attard | €294.50 | €294.50 | T | PF | Ground warden service - Aug 13 | 31/08/2013 | 158711 | n/a | n/a | 3191 | |
| 51 | Kite Group | €25.00 | €25.00 | D | PF | Purchase of a book named: "Il-Biografija ta' Dr Sandy Cachia Zammit" | n/a | n/a | 4490 | 4490 | 2995 | 16899 |
| 52 | Kumitat tal-festa Naxxar | €130.00 | €130.00 | D | PF | Faccata shiha bil-kulur fil-Programm tal-Festa "Marija Bambina" Naxxar 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 16897 |
| 53 | Laura Busuttil | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16890 |
| 54 | Leo's Garage Paramount | €167.67 | €167.67 | K | PF | Transport service - Jul 13 | 31/07/2013 | 25613 | n/a | n/a | 2720 | |
| 55 | Luke Vella | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq l-Imhalla | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16893 |
| 56 | Malta Community Chest Fund | €150.00 | €150.00 | D | PF | Donations collected by members of Naxxar Local Council & staff | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | 16895 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 57 | Marco Navarro | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq il-Buzjett | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16892 |
| 58 | Matthews Agius | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq Francesco Ximenes | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16887 |
| 59 | Melita plc | €94.85 | €94.85 | D | PF | Telephony monthly service - Aug 13 | 01/08/2013 | 34382251 | n/a | n/a | 2160 | 16882 |
| 60 | Melita plc | €22.38 | €22.38 | D | PF | TV monthly service - Aug & Sept 13 | 01/08/2013 | 34382884 | n/a | n/a | 2165 | 16883 |
| 61 | MITA | €74.52 | €74.52 | D | PF | E-mail a/cs for the period Apr - Jun 13 | 27/08/2013 | 28655 | n/a | n/a | 3110 | |
| 62 | Paul Gatt | €113.12 | €113.12 | D | PF | Reimbursement for advertising on facebook | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | |
| 63 | Raymond Grima | €147.50 | €147.50 | D | PF | Permit Inspection service during Festa Vittorja 2013 | 09/09/2013 | NXR/001/13 | 4497 | 4497 | 3370 | |
| 64 | Reuben Seychell Photography | €100.00 | €100.00 | D | PF | Tree planting (Gharghur Area) & Xmas Lunch for the elderly (2012) | 29/07/2013 | NLC/069 | 4486 | 4486 | 2925 | |
| 65 | Reuben Seychell Photography | €100.00 | €100.00 | D | PF | Photos for Magazine (4 Snin Hidma) | 29/07/2013 | NLC/071 | 4486 | 4486 | 2925 | |
| 66 | Reuben Seychell Photography | €70.00 | €70.00 | D | PF | Carnival Activity 2013 | 29/07/2013 | NLC/072 | 4487 | 4487 | 2925 | |
| 67 | Reuben Seychell Photography | €85.00 | €85.00 | D | PF | Pet Show 2013 | 29/07/2013 | NLC/073 | 4487 | 4487 | 2925 | |
| 68 | Reuben Seychell Photography | €115.00 | €115.00 | D | PF | L-Istorja Tmexxi s-Sengha 2013 | 29/07/2013 | NLC/074 | 4487 | 4487 | 2925 | |
| 69 | Richie's Ironmongery | €27.20 | €27.20 | D | PF | 4 Elbows | 09/09/2013 | 3834AA | 4494 | 4494 | 2240 | |
| 70 | Ricky Caruana | €450.45 | €371.80 | T | PF | Naxxar Civic Centre Cleaning - Aug 13 | 28/08/2013 | Aww-13 | n/a | n/a | 3055 | |
| 71 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Naxxar Public Convenience - Aug 13 | 28/08/2013 | Aww-13 | n/a | n/a | 3053 | |
| 72 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Retainer fees - Aug 13 | 05/09/2013 | Inv 13/045 | n/a | n/a | 3160 | |
| 73 | Scan Malta | €30.93 | €30.93 | D | PF | 6 RJ45 Plug & 50m UTP Cat5e roll - Networking Equipment | 05/08/2013 | IP6I11873 | 4466 | 4466 | 3690 | |
| 74 | Staff Salaries | €7,260.69 | €7,260.69 | D | PF | Staff wages - Aug 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 75 | The Lighthouse Keepers | €300.00 | €300.00 | T | PF | Supply and install 50mtrs cable | 06/08/2013 | PSIN000023 | n/a | n/a | 3065 | |
| 76 | Veritas Press | €230.10 | €230.10 | D | PF | Printing of 10 different business cards x 500 each | 06/08/2013 | 21937 | 4476 | 4476 | 2610 | |
| 77 | Victor Borg Barthet | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq San Gorg | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16891 |
| 78 | Victor Mula | €931.00 | €931.00 | T | PF | Handyman service - Jul 13 | 31/07/2013 | Lul-13 | n/a | n/a | 3125 | 16826 |
| 79 | Victor Mula | €1,239.70 | €1,239.70 | T | PF | Handymen service - Aug 13 | 31/08/2013 | Awi-13 | n/a | n/a | 3125 | 16901 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 80 | Vodafone MT | €127.64 | €127.64 | D | PF | Telephony monthly service - Jul 13 | 01/08/2013 | 3657752082013 | n/a | n/a | 2160 | 16828 |
| 81 | WasteServ Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - Jul 13 | 16/08/2013 | 39083 | n/a | n/a | 3040 | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | **€51,720.90** | **€50,209.35** | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |

**F**

**Purchase Order list for the month of August 2013** **02/09/2013**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/08/2013 | 4464 | Joe Galea | Heavy duty bags - for the cleaning of gutters | €25.96 |
| 01/08/2013 | 4465 | B Grima & Sons Ltd | Sign and mirror | €197.05 |
| 02/08/2013 | 4466 | Scan Computers | Networking Equipment | €36.46 |
| 05/07/2013 | 4467 | Central Asphalt Ltd. | Concrete slabs qty 1 & Kerb qty 1 | €12.98 |
| 05/08/2013 | 4468 | Joe Bonnici & Sons | Renting of 3 mobile toilets for Festa Marija Bambina Naxxar | €312.70 |
| 06/08/2013 | 4469 | Archway Ironmongery | Ramel, zrar, cement, clips, holder, xahx, etc. | €31.87 |
| 06/08/2013 | 4470 | J&S Store | Bulb, trapani, rollers, broom, tester, etc. | €28.97 |
| 09/08/2013 | 4471 | DOI | Advert to be published on Govt Gazette dated 16/08/2013 | €6.18 |
| 09/08/2013 | 4472 | Ivan | Transport from Naxxar to Belt is-Sebh and back | €30.00 |
| 13/08/2013 | 4473 | Archway Ironmongery | Clips, drill, nylon holder, silicone, ramel, zrar, cement, etc. | €24.36 |
| 02/05/2013 | 4474 | Albert Galea | Aerobics Class at BIC - May 13 till Aug 13 | €250.00 |
| 30/07/2013 | 4475 | Bitmac Ltd. | Instant Road Repair | €59.06 |
| 06/08/2013 | 4476 | Veritas Press | Printing of Business Cards | €230.10 |
| 14/08/2013 | 4477 | J&S Store | Ramel, spray, pala, drill, sponza, kamoxxa, etc. | €25.03 |
| 16/08/2013 | 4478 | Dolceria Appettitosa | Snacks and waiter service for MCCF 2013 | €117.70 |
| 16/08/2013 | 4479 | GS Superstore | Drinks for MCCF 2013 | €81.33 |
| 16/08/2013 | 4480 | Floreal Home | Flower arrangement - Conference room | €20.00 |
| 16/08/2013 | 4481 | Steve Rutland | Video service - MCCF 2013 | €129.80 |
| 16/08/2013 | 4482 | Reuben Seychell | Photographic service - MCCF 2013 | €70.00 |
| 16/08/2013 | 4483 | Just Construction Ltd | Skip hire for Misrah ir-Rebha | €40.00 |
| 28/08/2013 | 4484 | Attard Bros Contractors Ltd | Red pave; yellow pave & 1 20kg sack with sand | €122.43 |
| 26/08/2013 | 4485 | Central Asphalt Ltd. | Kerb qty 5 | €23.60 |
| 01/12/2012 | 4486 | Reuben Seychell | Tree planting (Triq San Mark), Xmas Lunch for the elderly (2012) & Photos for Magazine (4 Snin Hidma) | €200.00 |
| 01/02/2013 | 4487 | Reuben Seychell | Carnival Activity 2013, Pet Show 2013 & L-Istorja Tmexxi s-Sengha 2013 | €270.00 |
| 29/08/2013 | 4488 | Archway Ironmongery | Ramel, zrar, cement, roller, rubble bags. | €52.30 |
| 29/08/2013 | 4489 | J&S Store | Masking tape, pipe & clips. | €27.85 |
| | | | **Total** | **€2,425.73** |

G

**Income list for the month of August 2013** **02/09/2013**

| **Code** | **Description** | **Amount** |
|---|---|---|
| 0000 | Skema Librerji 2013 | €620.00 |
| 0025 | Skip Permit | €111.01 |
| 0026 | Crane Permit | €729.16 |
| 0027 | Kiosk Permit | €372.64 |
| 0028 | Outside activity permit | €10.00 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €257.69 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €1,725.10 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €103.08 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €150.00 |
| 0121 | Advertising | €9.32 |
| 0125 | Trenching permits | €4.66 |
| 0200 | Debtors | €400.00 |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,280.00 |
| 4007 | Other refundable deposits (such as for Gita, staff dinner etc) | €4,000.00 |
| | **TOTAL** | **€9,772.66** |

**Receipts** From 8947

To 9235

# H

**Ilmenti/talbiet diskussi mis-sottokumitat magħmul mis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Clifford Galea.**

**Laqgħa li saret l-Erbgħa 21 ta' Awwissu. Minflok Clifford Galea attenda l-Kunsillier Alex Agius. Il-laqgħa saret fis-2pm.**
**Id-deċiżjonijiet meħuda kienu dawn (l-isem jindika l-uffiċjal inkarigat mit-tali ilment/talba). Mhux neċessarjament li s-sottokumitat mexa mal-ordni indikata.**

| Rif: | Dettalji tal-ilment/talba | Triq/Zona | Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| Stephen Parnis | | | Għandu jkun infurmat li l-Kunsill reġa' evalwa l-każ u, filwaqt li jibqa' ma jaqbilx li ssir pjanċa li titniżżel, il-Kunsill jinsisti li jimxi mal-liġi u għalhekk irid ireġġa' lura l-bankina tal-konkos kif kienet skont l-istandards. |
| 2134 | Talba biex isiru is-sinjali tat-triq li gew approvati bhala parti mill-progett | Triq V. Boron | Qbil li jsir il-proġett. Bl-għajnuna ta' Roderick ġibu stima mingħand Koptasin/Grima. |
| 2144 | Talba biex issir zebra crossing fi vjal il-21 ta' Settembru hdejn scotts supermarket | Vjal il-21 Ta' Settembru | Nitolbu l-parir ta' TM dwar din it-talba. |
| 2155 | Talba ghall-doggy bins hdejn il-barriera | Triq l-Awstralja | Jitwaħħal doggy bin fil-kantuniera ta' Triq L-Awstralja (kważi faċċata ta' Triq l-Eġittu). |
| 2173 | Talba biex jerga jehel id-dustbin li kien hemm hdejn il- MUZEW tas-Subien | Vjal il-Labour | Approvat litter bin bħall-ġodda (mingħand Anton Zarb) biex jitwaħħal ħdejn il-MUSEUM tas-subien. Alex se jiċċekkja fejn l-aħjar li jkun installat. |
| 2203 | Talba biex tittiehed decizjoni dwar l-immarkar ta double yellow lines fil-kantunieri ta sqaq nr. 5, nr. 6 u nr. 7 | Triq Santa Lucija | Isiru s-sinjali kif suġġerit, bl-approvazzjoni ta' TM. |
| 2204 | ilment dwar l-istage li sar faccata ta Scotts Supermarket. Minhabba dan l-istage naqas l-ispazju ghall-parkegg u hemm stage daqs 200m il-fuq | Vjal il-21 Ta' Settembru | Il-bus stop kien hemm fiż-żmien u għalhekk il-Kunsill ma jistax iqis it-talba bħala ġustifikata. |
| 2214 | Talba biex jinghalaq l-access ghall-vetturi gewwa sqaq nr. 14. Min ghadda l-ilment qal li qed jithol trakk fl-isqaq li qasam il-konkos | Triq San Gwann, Sqaq Nru. 15 | Qbil li ma jitħalliex li jkun hemm aċċess fi sqaq 15 fi Triq San Ġwann. Ir-residenti kollha għandhom ikunu infurmati b'dan biex jekk ikun hemm xi kummenti dwar xi ħaġa li ma rajnihiex aħna nikkonsidrawha. |
| 2222 | talba biex jizdiedu l-bankijiet fis- Salina picnic area | Triq il-Kosta | Qbil fil-prinċipju li jiżdiedu l-picnic benches imma l-fondi huma limitati u għalhekk titħalla sakemm ikun hemm opportunità għal finanzjament speċjali minn xi skemi jew mill-Ewropa. |
| 2226 | Talba biex minn Vascas sa Miracle Foods jigi immarkat b' double yellow lines. Dan ghaliex qed tinholoq kongestjoni tat-traffiku minhabba ipparkjar hazin | Vjal il-21 Ta' Settembru | Filwaqt li vera li jkun hemm ftit tal-konġestjoni ma jimmeritax li jsiru sinjali biex ma jsir l-ebda parking. B'xi mod it-traffiku jgħaddi xorta u wieħed irid jifhem li fejn għandna ħwienet li jbiegħu materjal ta' ċertu toqol huwa importanti li |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | wieħed jitħalla li jieqaf fejn il-ħanut u jgħabbi. |
| 2316 | Tabla biex isiru bollards fuq il-humped crossing biex jevitaw parkegg illegali | Triq il-Gdida | Ikun ordnat bollard wieħed mingħand Anton Zarb u jitwaħħal b'mod li jibqa' aċċess liberu għal min irid jaqsam (kemm għal dawk b'pushchair u anki għall-wheel chairs). |
| 2229 | Talba sabiex issir hump fid-dahla ta' Triq il-Markiz Scicluna biswit l-istatwa ta' San Guzepp u café Luna. Din ghandha ssir f'livell mal-bankina simili ghal dik li hemm fi Triq il-Gdida. | Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna | Ma kienx hemm qbil mat-talba u għalhekk issir biss kif oriġinalment maħsub, ċoè li jitbaxxew il-bankini biex isir crossing. Però mal-parti li toħroġ il-barra (fuq il-kurduna) jitwaħħlu speċi ta' cat eyes apposta. |
| 2314 | Talba sabiex issir tabella ghal sidien il-klieb sabiex ma jitilghux bil-klieb, mit-tarag ta' Triq il-Brazil li jaghti ghal Gnien Dun Anton Sciberras. | Triq il-Brazil | Triq il-Brazil m'hemmx tarag. Għal xiex qiegħed jirreferi eżatt? Għaliex tali talba? Aktar informazzjoni pls. |
| Grace/John Camilleri | | | Minħabba li fiż-żmien kien hemm stage tal-linja f'dak il-post, it-talba ma tistax tintlaqa'. |
| 2046 | Talba ghal mera fit-triq ezatt fejn hemm il-liwja vicin il-Bird Park. Nota din hija blind corner u l-vetturi li jkunu gejjin minn direzzjoni opposta ma jkunux jistghu jaraw lill-xulxin. Ftit tal-granet ilu kien hemm accident head on. | Triq l-Imdawra | Ma kienx hemm qbil li ssir mera iżda li nistudjaw il-possibiltà li jsiru road markings biex jidderieġu t-traffiku aħjar. Ibgħat lil xi ħadd mill-ħaddiema biex naraw id-dettalji u kif tista ssir. Importanti li tinħareġ pjanta ċara taż-żona bil-qisien eċċ.. |
| 2063 | Talba biex isir road hump fit-triq vicin id-dar no 46. Il-vetturi jghaddu vicin wisq tal-bieb ta' barra u kif tohrog barra jsibu l-vetturi ma wicchom. NOTA fil-familja hemm toqghod persuna b'dizabilita. | Triq is-Salib | Approvata Thump imma soġġetta għall-approvazzjoni ta' TM. |
| 2125 | Talba biex isiru double/ single yellow lines matul it-triq fejn hemm il-gutter minhabba li qeghdin jipparkjaw il-karrozzi u jkissru s-slabs tal-konkos li qeghdin isaqqful-istess gutter. | Triq Giuseppe Stivala | Qbil li jsiru double yellow lines fuq il-gutters kif indikat. |
| 2126 | Talba biex issir hump fis-service road ftit qabel il-k/m A Fabriani minhabba sewqan eccessiv. Dan qieghed johloq periklu lir-residenti meta jkunu se johorgu mill-garages ghaliex jigu bis-salt ma wicchom. | Triq Margaret A. Murray | Ma jidhirx li t-talba hija ġustifikata iżda Alex se jmur jiċċekkja s-sitwazzjoni u jirraporta lura. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2128 | Talba ghal mera fil-liwja tat-triq minhabba li hija blind corner | Triq it-Targa | Talba approvata (mera). |
| 2172 | Talba biex tkun installata road hump fil-bidu tat-triq | Triq in-Nissieg | Approvata Thump fejn indikat. |
| 2199 | Talba ghal mera faccata ta' Triq Santa Klara | Triq it-Targa | Talba mhux ġustifikata. |
| 2312 | Talba biex Triq in-Nutar Debono tigi two way l-parti bejn Triq il-Parrocca u Buzjett minhabba li Triq Buzjett qieghed ikun hemm l-access ostakulat mill-vetturi li jkunu qeghdin ihottu ghand l-GS. Jekk ikun il-bzonn jitnehha l-parking minn naha wahda halli jkun jista' jghaddi t-traffic b'mod liberu. | Triq in-Nutar Debono | Se nikkomunikaw ma' TM dwar l-aħjar proposta. Ninfurmaw lil TM li jekk japprovaw il-proposti tagħna, nagħmlu konsultazzjoni mar-residenti. |
| Alex | | | Talba biex tindibel il-bankina ta' Triq tal-Labour (maġenb il-bandli) minħabba li tiżloq ħafna – din it-talba tgħaddi għand TM u jekk għandhom diffikultà biex issir malajr imqar għalissa joborxuha biex ma tiżloqx. |
| 2205 | Talba biex it-tabelli tan-No Entry li hemm fit-triq fil-kantuniera tal-GS jitmexxew fit-tarf tat-triq ghaliex ikun hemm min jibqa diehel minn triq San Pawl u qed jinholoq periklu. | Triq il-Buzjett | Għandu jsir infurzar fuq it-trakkijiet tal-ħatt u għalhekk inkellmu lill-gwardjani. Fuq it-tabelli l-ewwel se ssir diskussjoni ma' TM dwar talba 2312 u naraw ir-riżultat wara. |
| 2148 | Ilment li kif johrog mill-garaxx isib karozzi ghaddejjin b'certa velocitá li ma jistax jinduna bihom, talba ghal 'traffic calming measures' tip mera jew hump | Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna | Talba mhux ġustifikata. |
| Tabelli tal-funerali | | | Qbil li titwaħħal barrier bir-reklam fil-planter ta' quddiem tal-pastizzi li issa minflok ħamrija se terġa titwitta bil-paving blocks. Dwar it-tabella viċin il-ħanut ma kienx hemm qbil iżda jekk irid iwaħħal tabella mal-ħajt fil-propjetà tiegħu jew kif jirranġa mal-ġirien. |